MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 496/2013

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Vs**

**Joseph Galea (ID 9755G) u b'digriet tal-10 ta' Marzu, 2014 gie nominat Dr Mark Mifsud Cutajar bhala kuratur deputat**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-Awtorita' attrici qed tiddikjara illi:

Qeghda tintalab is-somma ta' sitt mija u tmintax-il ewro u sitta u hamsin centezmu (€618.56c) rapprezentanti drittijiet ta' rmigg (*berthing fees*) dovuti mill-konvenut lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (bhala successor fid-drittijiet u l-obbligi tal-Awtorita' Marittima ta' Malta) rigward il-boat *survivor.* Dan jidher fl-istatement anness bhala Dok TM1.

Ghandu jinghad illi ghalkemm nhar il-15 ta' Novembru, 2010 il-konvenut kien iddepozita fir-Registru tal-Qorti ammonti dovuti minnu lill-Awtorita' permezz ta' Cedola Numru 1441/2010 (annessa dok TM2), l-Awtorita' rikorrenti ma kinitx f'pozizzjoni illi tirtira l-ammonti msemmija stante illi c-Cedola kienet "ikkundizzjonata" u kien fiha numru t'allegazzjonijiet illi l-Awtorita' tikkontesta fermament. Dan kollu gie spjegat f'ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu, 2011 li qed tigi annessa bhala dok TM3, izda l-konvenut baqa' ma rtirax l-allegazzjonijiet maghmula fic-Cedola u ma hallasx l-ammont dovut.

Bl-ispejjez nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu, 2013 u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-Subizzjoni.

Illi fuq talba tal-Awtorita tat-Trasport kellhom jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrparezentaw lill-konvenut ghaliex x'aktarx il-konvenut telaq minn Malta.

Ra r-risposta prezentata mill-kuratur deputat datata 23 t'April, 2014 fejn eccepixxa illi:

L-esponent mhux edott mill-fatti u qed jirriseva d-dritt li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar is-06 ta' Jannar, 2015 li bih il-kawza thalliet ghas-Sentenza in difett ostakolo.

Ra x-xhieda ta' Robert Vassallo (Legislation and Compliance Officer fl-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta) li stqarr illi t-talba hija ghall-*berthing fees*. F' dan il-kaz qeghdin jitolbu *berthing fees* ta' dghajsa li kienet irmeggjata fil-Marina ta' l-iMgarr, Ghawdex u d-dghajsa kien jisimha '*Survivor*' . Ikkonferma li l-ammont ta' sitt mija u tmintax-il Ewro u sitta u hamsin centezmu (€618.56c) ghadu dovut sallum.

Illum il-*berthing fees* huma rati ghal servizzi moghtija ghal manigjar tal-Marina u s-servizzi li jintuzaw min-nies li ghandhom dghajjes u li juzaw is-servizzi tal-Marina. F' dan il-kaz ir-rati johorgu minn Avviz Legali.

Qal li qabel ma gew privatizzati l-Marinas, kienet tistabbilixxi l-ligi r-rati tal-*berthing fees*. Illum, peress li huma privatizzati huma l-*operators* li jistabbilixxu r-rati, ghalhekk kien hemm Avviz Legali li kien jirregolarizza l-*berthing fees*.

Ghamel referenza ghal cedola ta' depozitu fejn fil-15 ta' Novembru, tas-sena 2010 is-Sur Joseph Galea kien iddepozitha fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, pero` ma setghux jirtirawha ghax kien ghamel din ic-cedola ta' depozitu b'certu kundizzjonijiet li ma setghux jaccettaw. (Dokument "TM2" a fol 4 tal-process). Ikkonferma illi ma jafx fejn hu dan il-bniedem illum.

Illi t-Tribunal ra cedola ta' depozitu in atti ta' Joseph Galea fejn kien ikkontesta li jhallas *berthing fees* ghaliex l-Awtorita tat-Trasport kienu qed ihallu terzi jirmiggjaw fil-*mooring* tieghu. Illi hu kien dahal fi ftehim ta' *berthing facilities* fl-Imgarr, Ghawdex ghall-spazju no 10. Illi fuq l-ircevuta kien jitnizzel illi dan kien permanenti mbaghad nbiddel u sar *annual* ghall-habta tal-2009. Illi fl-1995 l-Awtorita` kienet tat permess lill-terz jirmiggja fil-post li kien ihallas ghalihom l-esponent. Illi l-esponent kien pprezenta protest dwar dan pero` qatt ma kien hemm twegiba *da parti* tal-Awtorita` tat-Trasport. Permezz ta' din ic-cedola ta' depozitu kien iddepozita l-Qorti l-flus fl-ammont ta' sitt mija u tmintax-il Ewro u sitta u hamsin centezmu (€618.56c) inkluz l-ispejjes kollha tal-Qorti u dan biex jezimi ruhhu minn kull responsabilita` pero` bil-kontestazzjoni illi l-Awtorita` ghandha tottempra ruhha mal-obbligi kollha li ghandha versu l-esponent skont il-ligi u li tirrifondi l-hlasijiet kollha li ghamel l-esponent meta ghazlet li ma tonorax il-ftehim mal-esponenti u taghti l-irmigg lill-terz.[1]

[1] Ara fol 5 et seq

It-Tribunal ra ukoll l-ittra ufficjali mibghuta lura lill-konvenut fejn l-Awtorita` ikkontestat dak li inghad ghaliex il-facilitajiet ta' rmigg huma facilitajiet u mhux drittijiet u huma temporanji u fuq bazi annwali u sahansitra peress illi ma kienx qed ihallas ghad-drittijiet ta' rmigg il-facilitajiet ta' rmigg gew irtirati.[2]

**Ikkunsidra:**

Ghalkemm it-Tribunal jaf illi kien hemm kontestazzjoni (ara Cedola ta' depozitu in atti) ghaliex infatti gew depozitati l-flus fil-Qorti b'kundizzjoni illi l-Awtorita` ta` Trasport tottempra ruhha ma' ftehim li kellha mal-konvenut u taghmel hlasijiet ta'spejjez li sofra l-konvenut. Illi pero` l-konvenut ma dehrx biex jirrispondi ghat-talbiet odjerni u minkejja diversi seduti ma prezentax il-provi tieghu biex jikkontesta t-talba jew il-ftehim li allegatament kien hemm.

Fic-cirkostanzi jhoss illi t-talba giet sufficjentament ippruvata u ghalhekk il-hlasijiet ghall-irmigg ghandhom jithallsu.

**Decide:**

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba fl-ammont ta' sitt mija u tmintax-il Ewro u sitta u hamsin centezmu (€618.56c) bl-imghax u l-ispejjez hekk kif indikati fl-Avviz.

---

[2] Ara TM3

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------